MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 143/2007

**John Richard Gimblett numru passaport 0302123859 u Angela Ida Lilian Hammersley numru passport 032284881**

**Vs**

**Raymond Borg ID 609155M**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett elef tlett mija tnejn u sittin lira Maltin (Lm3362) rapprezentanti obbligazzjoni assunta mill-intimat skond skrittura ta’ kostituzzjoni ta’ debitu ta’ l-14 ta’ Settembru 2004 in atti Nutar Dr Roberta Bisazza, kopja annessa mal-avviz u markata Dok A.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta’ qbid numru 1339/07 prezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors u bl-imghax

legali mill-14 ta’ Settembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument anness mal-istess atti a fol 2 et seq ibid u markat Dok A.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fid-9 ta’ Frar 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm3362.00 ossija €7813.35 bl-imghax legali mit-18 ta’ Mejju 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ qbid numru 1339/07.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------